

# FESTI SOLENNI
F'ĠIEĦ

## IL-PRINĊPIJIET TAL-APPOSTLI

# *San Pietru u San Pawl*

LI SER JIĠU ĊĊELEBRATI FIL-KNISJA ARĊIPRETALI, MATRIĊI, KOLLEĠĠJATA
INSINJI U BAŻILIKA TAN-
**NADUR, GĦAWDEX,**
AFFILJATA SPIRITWALMENT MAL-BAŻILIĊI PAPALI
TA' SAN PIETRU FIL-VATIKAN
U SAN PAOLO FUORI LE MURA ĠEWWA RUMA

## MIS-16 SAD-29 TA' ĠUNJU 2023

*"Il-kelma ta' Alla hi ħajja u qawwija,
taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar"*
Lhud 4.12

## Is-Sibt, 10 ta' Ġunju

**8.00pm** *Min Aħna?* Produzzjoni oriġinali bis-sehem tal-atturi Mario Micallef u Silvio Axisa. Kitba u direzzjoni Joe Chircop. Organizzata mill-Kunsill Lokali tan-Nadur fil-Knisja Bażilika.

## Il-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju

**9.00pm** *Big Band Adventures*: Programm mużikali annwali mill-Banda Mnarja. Dan il-kunċert ser isir taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr. Joseph Grech L.C.C.M. u ser jittella' bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u tal-Kunsill Lokali tan-Nadur fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Il-Kunċert jagħlaq bi spettaklu ta' nar sinkronizzat mal-mużika.

## Is-Sibt, 17 ta' Ġunju
## JUM L-ABBATINI

**5.00pm** Quddiesa ta' Tieġ.

**7.00pm** Quddiesa mmexxija mill-Kan. D. Reuben Micallef, Direttur tal-Abbatini li fiha ser issir il-vestizzjoni tal-Abbatini l-ġodda. Mistiedna l-abbatini kollha flimkien mal-familjari tagħhom. Wara jkun hemm festin żgħir għalihom.

**8.00pm** Ftuħ tal-Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat fi Pjazza L-Arċipriet Dun Martin Camilleri, organizzata mill-Kunsill Lokali tan-Nadur flimkien mal-Ministeru għal Għawdex. Fiha ser jiġu esebiti diversi prodotti agrikoli, għodod u oġġetti tal-biedja, u artiġjanat Naduri. Din is-serata tinkludi ikel u xorb tipiku Malti, kant, daqq u żfin tradizzjonali.

## Il-Ħadd, 18 ta' Ġunju
## ĦRUĠ TAL-ISTATWA MIN-NIĊĊA

**8.00am** Tkompli l-Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat fi Pjazza L-Arċipriet Martin Camilleri u anke fi Triq Diċembru Tlettax, fejn ikun hemm għodwa ta' kant, mużika u żfin folkloristiku.

**9.00am** Wirja taż-żwiemel organizzata mill-Kunsill Lokali tan-Nadur fi Triq Diċembru Tlettax.

**11.00am** Isir it-tberik tal-annimali, pets u żwiemel, u wara l-Kunsill Lokali

jqassam tifkira tal-okkażjoni lil dawk kollha li ħadu sehem.

**5.00pm** Quddiesa.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri bil-parteċipazzjoni tal-Banda Mnarja, li tkompli tesegwixxi l-Antifona u l-Innu Marċja lil San Pietru u San Pawl waqt il-ħruġ tal-Istatwa min-niċċa u tingħata l-barka sagramentali. Ikun hemm ħruq tan-nar tal-ajru.

**8.30pm** Tombla kbira fi Pjazza 28 ta' April 1688, b'risq l-ispiża tal-baned għall-festa tal-Imnarja.

## It-Tnejn 19 ta' Ġunju: L-Ewwel Jum tan-Novena
## JUM IL-BARRANIN FOSTNA

**7.00pm** Quddiesa mmexxija mill-Kan Dun Loreto Tabone. Mistiedna b'mod speċjali l-barranin li jgħixu fostna. Wara Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

**8.30pm** Festa tat-Tfal fi Pjazza San Pietru u San Pawl organizzata mill-Kunsill Lokali. Ikun hemm ħafna logħob u attrazzjonijiet bla ħlas għat-tfal kif ukoll spettaklu ta' talent minn tfal Nadurin u oħrajn.



## PROGRAMM TAL-BQIJA TAN-NOVENA

**5.00pm** Quddiesa.

**6.30pm** Rużarju.

**7.00pm** Quddiesa tan-Novena, Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

## It-Tlieta 20 ta' Ġunju: It-Tieni Jum tan-Novena
## JUM IS-SAĊERDOZJU KATTOLIKU

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Dun Michael Said, Vigarju Parrokkjali tal-Parroċċa ta' San Ġużepp fil-Qala, li fiha jrodd ħajr lil Alla għall-25 sena tas-saċerdozju. Wara fuq iz-Zuntier tal-Knisja ssir bibita tal-okkażjoni.

### L-Erbgħa, 21 ta' Ġunju: Il-Tielet Jum tan-Novena
## JUM IL-KOMUNITÀ LI TAQDI, IL-MINISTERI FIL-LITURĠIJA U L-FRATELLANZI

**7.00pm** Quddiesa mmexxija mill-Kan. Dun Karm Portelli. Mistiedna b'mod speċjali l-membri tal-Kunsill Parrokkjali, tal-Kummissjoni Liturġika, l-Animaturi, Letturi, Kanturi, Organisti, Ministri Straordinarji tal-Ewkaristija, il-Qaddejja tal-Altar, il-membri tal-Għaqdiet Reliġjużi (Museum, Azzjoni Kattolika u Leġjun ta' Marija), il-membri tal-Kumitat Festi Esterni u l-Kumitat tal-*Fund Raising*, il-membri tal-Fratellanzi kollha flimkien mar-reffiegħa, tal-forċini u l-organizzaturi kollha tal-purċissjonijiet.

### Il-Ħamis 22 ta' Ġunju: Ir-Raba' Jum tan-Novena
## JUM L-EVANĠELIZZAZZJONI U L-VOLONTARJAT

**7.00pm** Quddiesa mmexxija mill-Kan Joe Cardona, li għaliha huma mistiedna b'mod speċjali l-katekisti tal-parroċċa u dawk li jaħdmu fir-Radju Luminaria, id-distributuri tal-bullettin u dawk li jieħdu ħsieb ir-rivista Luminaria u l-voluntiera kollha.

**8.30pm** Tombla organizzata mill-Kumitat Festi Esterni fi Pjazza 28 ta'April 1688 b'risq l-ispejjeż tal-festa.

### Il-Ġimgħa, 23 ta' Ġunju: Il-Ħames Jum tan-Novena
## JUM IL-FAMILJA

**7.00pm** Quddiesa mmexxija minn Mons Penitenzier Salv Pace, li għaliha huma mistiedna b'mod speċjali il-familji kollha speċjalment dawk



li qiegħdin jiċċelebraw il-25 jew il-50 Anniversarju miż-Żwieġ tagħhom u dawk li għammdu t-trabi tagħhom matul din is-sena. Tingħata tifkira lill-koppji li qed jiċċelebraw dawn l-anniversaji.

**9.00pm** L-Ikla Tradizzjonali fi Pjazza L-Arċipriet Martin Camilleri bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Għal din is-serata ser ikun hemm mużika u kant b'talent lokali.

## Is-Sibt 24 ta' Ġunju: is-Sitt Jum tan-Novena
## JUM IL-MORDA U L-ANZJANI U JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ

**9.00am** Quddiesa mmexxija minn Mons Salv Grima bis-sehem tal-anzjani u l-morda. Wara jkun hemm festin tal-okkażjoni.

**7.00pm** Quddiesa mmexxija minn Dun Daniel Sultana. Mistiedna b'mod speċjali ż-żgħażagħ u l-adolexxenti kollha tal-parroċċa.

**8.45pm** *Faith Over Fear*: Serata ta' varjetà mtellgħa mill-adolexxenti u ż-żgħażagħ tan-Nadur Teen & Youth Centre fi Pjazza 28 t'April 1688, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Is-serata jkun fiha kant, żfin, farsa, logħob u divertiment. Mistieden speċjali: Mark Laurence Zammit.

## Il-Ħadd 25 ta' Ġunju: L-Ewwel Jum tat-Tridu
## JUM IT-TFAL

*Il-Quddies ikun bħas-soltu, jiġifieri fil-Bażilika fil-5.30am, fis-6.30am, fit-8.30am, fid-9.30am, fil-11.00am u filgħaxija fil-5.00pm u fis-7.00pm. Fil-Kappella tas-Sorijiet fis-6.15am. Fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesu fis-7.00am. Fil-Kappella ta' Santa Tereża ta' Kalkutta fiċ-Ċimiterju ta' Kenuna fis-7.30am*

**9.30am** Quddiesa mmexxija mill-Arċ. Mons Jimmy Xerri, animata mit-tfal għat-tfal kollha. Mistiedna t-tfal kollha tal-parroċċa flimkien mal-familji tagħhom.

**10.30am** Manifestazzjoni għat-tfal kollha bix-xbiehat ta' San Pietru u San Pawl li tgħaddi minn Pjazza 28 t'April 1688, Triq il-Kappilan, Triq Dun Bernard Haber, Pjazza San Pietru u San Pawl u Triq Diċembru 13 sal-Każin tal-Banda akkumpanjata mill-Banda Mnarja. Fi Triq Diċembru 13 imbgħad isir festin għalihom bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-Kan Dun Karm Portelli li fiha Dun Noel Debono jagħmel l-ewwel omelija tat-Tridu. Tiġi es-egwita l-quddiesa *Lauda Sion* tal-Mro Mons. Martin Portelli. Wara jkun hemm l-Antifona u l-Barka Sagramentali.

## It-Tnejn, 26 ta' Ġunju: It-Tieni Jum tat-Tridu
## ANNIVERSARJU TAL-GĦOTI TAL-BAŻILIKA
## JUM IL-CARITAS U L-BENEFATTURI

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons Penitenzier Salv Pace li fiha Dun Noel Debono jagħmel it-tieni omelija tat-Tridu. Jieħdu sehem il-grupp tal-Caritas tal-parroċċa u l-benefatturi kollha. Tiġi esegwita l-quddiesa *Maria Assunta* tal-Mro Mons. Martin Portelli. Wara jkun hemm l-Antifona u l-Barka Sagramentali.

**9.30pm** Marċ bl-istatwa artistika tal-Għoti tal-Missjoni lil San Pietru u San Pawl li jibda minn Triq ir-Rabat, jgħaddi minn Triq il-Knisja, Pjazza San Pietru u San Pawl u jispiċċa fi Triq Diċembru 13 akkumpanjat mill-Banda Mnarja tan-Nadur.

**12.00am** Tlugħ tal-istatwa fuq il-pedestall artistiku fi Triq Diċembru 13 waqt li l-Banda Mnarja ddoqq l-Innu Marċ *Lil San Pietru u San Pawl*. Fi tmiem, jitellà l-spettaklu *Mixgħela Ħamra u Safra*, spettaklu ta' logħob tan-nar sinkronizzat mal-mużika li qed isir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur.

## It-Tlieta, 27 ta' Ġunju: It-Tielet Jum tat-Tridu
## JUM L-EMIGRANTI
## U D-DIMOSTRAZZJONI TA' SAN PIETRU U SAN PAWL

**9.00am** Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr organizzata mill-Konfraternità ta' San Pietru u San Pawl fl-okkażjoni tal-Konvezjoni Internazzjonali u tas-26 anniversarju mit-twaqqif tal-Konfraterità immexxija minn Mons Arċ. Jimmy Xerri bis-sehem ta' diversi Saċerdoti uħud barranin imsieħba f'din il-Konfraternità.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons Dekan Salv Muscat li fiha Dun Noel Debono jagħmel it-tielet omelija tat-Tridu. Jieħdu sehem l-emigranti li jkunu fostna għall-festa, li wara huma mistiedna għal bibita flimkien. Tiġi esegwita l-quddiesa *Sanctae Annae* tal-Mro Antoine Theuma. Wara jkun hemm l-Antifona u l-Barka Sagramentali.

**9.15pm** Il-Banda Mnarja iddoqq l-Innu *Divi Sovrani* fuq il-planċier fi Pjazza San Pietru u San Pawl.

**9.30pm** Il-Banda Mnarja flimkien mal-Banda San Girgor Ta' Kerċem, takkumpanja d-Dimostrazzjoni tradizzjonali bl-istatwa artistika ta'

San Pietru u San Pawl, li tkompli ddur mat-toroq tal-purċissjoni.

**11.45pm** Wasla fil-pjazza u jsir it-tlugħ tal-istatwa ta' San Pietru u San Pawl fuq il-pedestall monumentali fil-Pjazza, waqt li l-Banda Mnarja tesegwixxi l-Innu Marċ *Lil San Pietru u San Pawl.*

**12.30pm** Feature oriġinali sinkronizzat ma' logħob tan-nar. Dan l-ispettaklu huwa mħejji mill-kumitat Żgħażagħ Imnarja bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur.

## L-Erbgħa, 28 ta' Ġunju

## LEJLIET IS-SOLENNITÀ TA' SAN PIETRU U SAN PAWL

**9.00am** Konċelebrazzjoni Solenni ta' ringrazzjament 'l Alla fi tmiem in-Novena u t-Tridu mmexxija minn Mons Arċipriet Jimmy Xerri flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-Kleru li fi tmiema jitkanta t-*Te Deum*.

**5.00pm** Quddiesa.

**6.30pm** Translazzjoni Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Anton Teuma Isqof t'Għawdex bis-sehem ta' rappreżentanza tal-Kapitlu Katidrali, tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata u Kleru, mill-Knisja tal-Qalb ta' Gesù. Wara, fil-Bażilika, Mons. Isqof Anton Teuma imexxi l-Għasar Pontifikali, assistit mir-rappreżentanza tal-Kapitlu Katidrali u mill-Kapitlu u Kleru tal-Bażilika. Tiġi esegwita l-mużika ta' Mro Giuseppe u Ferdinando Camilleri. Jintemm bl-Antifona u l-Barka Sagramentali.

**8.00pm** Quddiesa minn Dun Mark Bonello bis-sehem taż-żgħażagħ tal-parroċċa.

### ATTIVITAJIET ESTERNI:

**6.00pm** Marċ mill-Banda Mnarja mill-Każin tal-Banda sal-Pjazza.

**9.15pm** Marċ mill-Banda *Victory* tax-Xagħra minn Triq il-Knisja sal-Pjazza, fejn tesegwixxi programm Mużikali fuq il-planċier fil-Pjazza.

**9.30pm** Marċ mat-toroq prinċipali tal-Purċissjoni, bis-sehem il-Banda Mnarja u l-Banda *La Stella* tal-Belt Victoria.

**12.00am** It-2 Edizzjoni ta' *Flames of Colour* spettaklu ta' logħob tan-nar sinkronizzat mal-mużika mill-kumpanija *Sky Art* imtellgħa bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Nadur u tal-Kumitat Żgħażagħ Imnarja. Wara jinħaraq tapit sinkronizzat mal-mużika.



# IL-ĦAMIS 29 TA' ĠUNJU

# Jum il-Festa

## SOLENNITÀ LITURĠIKA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL

**ĦIN TAL-QUDDIES:**
*Fil-Bażilika: 5.30am, 6.30am, 8.00am, 9.00am (Pontifikal Solenni), 11.00am u 5.00pm.*
*Fil-Kappella tas-Sorijiet Franġiskani: 7.00am.*
*Fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù: 7.00am*
*Fil-Kappella taċ-Ċimiterju Ta' Kenuna: 7.30am u fl-10.00am*

**FUNZJONIJIET U ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI:**

**9.00am** Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Anton Teuma. li wara t-tħabbira tal-Evanġelju jagħmel l-omelija tal-okkażjoni. Jieħdu sehem rappreżentazna tal-Kapitlu Katidrali, ir-Reverendissimu Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-Kleru tal-Parroċċa. Tiġi esegwita l-quddiesa ta' Mro Giuseppe Camilleri.

**6.30pm** Għasar Solenni mmexxi minn Mons. Arċipriet Jimmy Xerri u mir-Reverendissimu Kapitlu tal-Kolleġġjata, Bażilika ta' San Pietru u San Pawl. Fl-Għasar tiġi esegwita l-mużika ta' Mro Giuseppe u Ferdinando Camilleri.

**7.45pm** Ħruġ tal-istatwa titulari ta' San Pietru u San Pawl mill-Bażilika, fejn il-Banda Mnarja ddoqq l-Innu *Divi Sovrani* tal-Arċipriet Anton Camilleri, taħt it-tmexxija tas-Surmast Mro Joseph Grech bis-sehem tal-kor tal-Parroċċa *Jubilate Deo*. Il-Purċissjoni titmexxa minn Mons. Arċipriet Jimmy Xerri, flimkien mal-Kapitlu u Kleru tal-parroċċa.

**10.30pm** Dħul tal-istatwa fil-Bażilika, Antifona u Barka Sagramentali.

**ATTIVITAJIET ESTERNI:**

**11.30am** Marċ popolari ta' filgħodu mill-Banda Sant Elena ta' Birkirkara li jitlaq mill-Pjazza.

**12.00am** Marċ mill-Banda San Pietru ta' Birżebbuġa li jibda minn Triq San Ġwann u jintemm fit-3.00pm fil-Pjazza.

**3.00pm** Show tal-karti u nar sinkronizzat mal-mużika imtellgħa mill-Kumitat Żgħażagħ Mnarja bil kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur.

**7.00pm** Marċ mill-Banda Mnarja minn quddiem il-Każin, li wara tesegwixxi l-innu *Divi Sovrani* u takkumpanja l-Purċissjoni bl-istatwa ta' San Pietru u San Pawl.

**7.45pm** Ħruq ta' salut, kaxxa infernali u nar tal-ajru waqt il-Purċissjoni.

**8.30pm** Programm mużikali fuq il-planċier tal-pjazza mill-Banda Prekursur tax-Xewkija.

## Il-Ħadd 2 ta' Lulju
## JUM TA' RADD IL-ĦAJR

**9.45am** Quddiesa b'ringrazzjament għal dawk kollha li ħadmu għall-organizzazzjoni tal-festa u wara jsir id-dħul tal-istatwa ta' San Pietru u San Pawl fin-niċċa.

***N.B.*** *Il-programm jista' jkun suġġett għal tibdil skont l-eżiġenzi li jistgħu jinqalgħu.*

## SAGRAMENT TAR-RIKONĊILJAZZJONI:

***Fil-Bażilika:***

27 ta' Ġunju: mis-6.00am sal-10.00am mill-4.30pm sat-8.00pm

28 ta' Ġunju: mil-5.00am sad-9.00am u mill-5.30pm sas-7.30pm (fis-sagristija)

## LILL-POPLU NADURI

Inħeġġukom biex matul dawn il-ġranet tal-festa tieħdu sehem fil-funzjonijiet li jsiru fil-knisja u tersqu lejn is-Sagrament tal-Qrar u tat-Tqarbin. Bħala rigal u opra tal-ħniena fil-ġranet ta' qabel u ta' wara l-festa, min jista' joffri d-demm, jagħmel dan fl-Isptar Ġenerali.

## INDULĠENZA PLENARJA

Min iżur il-Bażilika fis-Solennità ta' San Pietru u San Pawl jista' jirbaħ l-Indulġenza Plenarja. Din tista' tintrebaħ ukoll fil-25 ta' Jannar, fl-10 ta' Frar u fil-festa ta' San Koronatu. Il-Penitenzjerija Appostolika bagħtet ittra (prot.N. 1081/16/1) lill-parroċċa bil-firma tal-Kardinal Maurus Piacenza u bid-data tal-11 ta' Diċembru 2016. F'din l-ittra tat Indulġenza Plenarja lil dawk l-Insara niedma li jqerru, jitqarbnu u jżuru bħala pellegrinaġġ il-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fejn jieħdu sehem f'xi funzjoni jew jagħmlu talb ieħor. It-talb għandu jinkludi l-Missierna, il-Kredu u viżti lill- Madonna u lill-Appostli Pietru u Pawlu. Fl-aħħar tad-digriet, il-kardinal għarraf li "Dan id-digriet jibqa' jgħodd għal dejjem... sakemm liġijiet ġodda ma jordnawx xort'oħra".

- Il-Kumitat Festi Esterni jixtieq jirringrazzja lill-Kunsill Lokali tan-Nadur u Korpi Kostitwiti oħrajn li għenu biex iseħħ dan il-programm sabiħ tal-festa.
- Matul il-festa, l-Orkestra tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro Antoine Theuma, Maestro di Cappella, bis-
- sehem tal-Kor tal-Parroċċa *Jubilate Deo*.
- Il-logħob tan-nar tul il-festa hu ta' *St Cathrine Fireworks Factory* taż-Żurrieq, *Lourdes Fireworks Factory* ta' San Gwann, *St Michael's Fireworks Factory* ta' Ħal Lija, *St Mary's Fireworks Factory* tal-Imqabba u *Sky Art* u huwa organizzat mill-Għaqda tan-Nar '29 ta' Ġunju'.
- Il-quddies kollu tan-novena u tal-festa, kif ukoll l-attivitajiet konnessi mal-festa, meta huwa possibbli, ser ikunu mxandrin fuq Radju Luminaria, li qed ixandar fuq il-frekwenza ta' 106.9FM.
- Tista' ssegwi l-festa minn fuq is-sit elettroniku *www.mnarjalive.com* u minn fuq il-paġna tal-*Facebook MnarjaLive*.
- L-Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl tħeġġeġ lill-ġenituri biex ma jħallux lil uliedhom jersqu lejn il-post minn fejn jinħaraq in-nar tal-festa anke wara li din tintemm. Titlob ukoll lill-bdiewa li għandhom ir-raba' fil-limiti tal-Ġebel l-Aħmar biex jiġbru l-prodotti qabel il-festa sabiex jiġu evitati ħsarat.









# L-ARĊIPRIET, IL-KAPITLU U L-KLERU JIXTIQULKOM

# *Il-Festa t-Tajba*







Ritratti: Martin Attard